**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 – 2013

**SEDUTA NUMRU 33**

L-ERBGĦA 27 TA' LULJU 2011 FIS-5.30 TA' FILGĦAXIJA

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| KAV. PAWLU FARRUGIA | SINDKU KLJ CMLJ |
| FRANCIS AGIUS | VIĊI SINDKU |
| DORIS VELLA | KUNSILLIER |
| KEITH DARMANIN | KUNSILLIER |
| LAWRENCE BONAVIA | KUNSILLIER |
| CLAUDINE LANZON | KUNSILLIER (6.30PM – 7.30PM) |

**SKUŻAT**

| | |
|---|---|
| ISHMAEL DALLI | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QAL IT-TALBA

## I Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

i Il-Minuti tas-Seduta 32 ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

ii Dawn ġew approvati 4 voti favur u astenzjoni. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## II Kommunikazzjoni mis-Sindku

i Is-Sindku nforma li ma kien hemm l-ebda żvilupp dwar il-bus shelter fi Triq Palma. Bus shelter

ii Dwar il-proġett tax-Xelter is-Sindku nforma li qed jiġi ppreparat id-dokument biex il-perit ikun jista' japplika għall-*compliance certificate.* Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li se ssir applikazzjoni għad-dawl. Xelter

iii Is-Sindku nforma li ix-xogħlijiet tar-resurfacing tat-toroq (PPP) reġgħu ġew posposti għall-ewwel ġimgħa ta' Awissu 2011. Huwa qal li jekk ikun se jiskadi l-kuntratt niktbu lid-dipartiment biex nestendu ż-żmien.

iv Dwar il 5-A side futbol grawnd is-sindku ressaq proposta ta' Desmond Mizzi. Huwa rrapporta li t-turf għandu jinbidel u jiġi ddepożitat il-Qorti u l-Kunsill jingħata skont ta 25% fuq l-ispiża tat-turf il-ġdid. Il-Kunsill qabel li din il-materja tiġi diskussa ma l-avukat tal-Kunsill. Il-Kunsillier L. Bonavia qal li jekk il-PPP jiddeċiedi li ma jiftaħx kawża, l-kunsill għandu jħares legalment id-drittijiet u l-interessi finanzjarji tiegħu. 5 A Side

v Dwar l-isqaq ta' Santa Marija s-Sindku qal li l-proċess ilu jittawwal ħafna. Huwa nforma li l-MEPA għadha kif infurmatu li għandha 6 xhur biex jinħareġ il-permess. Is-Sindku nforma wkoll li kopja tal-korrispondenza ġiet mgħodijja lis-Segretarju Parlamentari C. Said għall-intervent tiegħu peress li din is-sitwazzjoni mhix aċċettabli għall-Kunsill. Huwa qal ukoll li l-proċess mal-WSC miexi u qed jistennew li jgħaddi għand il-kuntrattur il-materjal tal-Pavimentar jasal minn barra fi żmien qasir.. Sqaq Santa Marija

Kav. Pawlu Farrugia KLJ CMLJ — Marisa Pisani
Sindku — A/Seg. Eżek.

vi Dwar il-proġett tal-Awtorita' tad-Djar is-Sindku nforma li se toħroġ it-tender għall-*street furniture* involuti fil-proġett. Tender Housing

vii Dwar il-proġett ta' manutenzjoni tal-flats tal-Gvern is-Sindku nforma li se toħroġ it-tender għax-xogħlijiet involuti Manutenzjoni flats

viii Is-Sindku nforma li kellu kommunikazzjoni mill-kumitat ta' L-Ismijiet tat-Toroq fejn ġie nfurmat li Sqaq Brittaniku 3 ġie jismu Sqaq Jimmy Farrugia. Il-kunsill approva twaħħil tat-tabelli l-ġodda wara li tingħata l-approvazzjoni għal-isem Ġnien Veliko Turnovo. Sqaq Jimmy Farrugia

ix Dwar ix-xogħlijiet fid-Dar tal-Kejka s-Sindku nforma li l-iscouts issa se jieħdu ħsieb l-aperturi. Dar tal-Kejka

x Is-Sindku rrefera għall-proġett tal-Ġnien Santa Marija u nforma li l-permess tal-MEPA nħareġ. Huwa qal li dan jinkludi Garanzija Bankarja ta' €5000 li l-Kunsill irid jagħmel favur il-MEPA. Din ġiet approvata mill-Kunsill. Proġett Ġnien Santa Marija

xi Dwar ir-rapport tal-WSC is-Sndku nforma li s-sistema issa qed taħdem u dan qed jitħejja mill-Customer Care. Għad jonqos naraw xi dħul fadal li nirċievu mill-WSC. Sistema CC

xii Is-Sindku rrefera għal-każ ta' l-iskrivana J. Grech. Huwa qal li ġie avviċċinat minn persuna li għandha evidenza li din qiegħda tibgħat emails personali waqt il-ħin tax-xogħol. Huwa qal li meta ġie nvestigat dan irriżulta li kienet qed tagħmel użu mis-servizz ta' l-internet li l-Kunsill għandu għall-użu tal-pubbliku. Is-Sindku nforma wkoll li saret kommunikazzjoni mad-Dipartiment tax-Xogħol dwar it-terminazzjoni ta' l-impjieg tagħha. Il-Kunsill approva unanimament li dan jintemm fl-aħħar ta' dan ix-xahar u din titħallas tal-VL li hija ntitolata għalih. J. Grech

xiii Is-Sindku rrefera għall-vakanza ta' Segretarju Eżekuttiv u nforma li s-Sinjura Marisa Pisani aċċettat din il-kariga. Huwa qal li issa jrid jinbeda l-proċess biex tinħareġ l-approvazzjoni tal-Ministru responsabli mill-Gvern Lokali. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Dar tal-Kejka

Kav. Pawlu Farrugia KLJ CMLJ
Sindku

Marisa Pisani
A/Seg. Eżek.

**KUNSILL LOKALI ĦAL TARXIEN** **SEDUTA NUMRU 33 – 27/07/2011**
**IS-SITT LEĠISTLATURA**

## III Affarijiet Finanzjarji

i Is-Sindku nforma li l-Awditur Ġenerali nfurmana li l-Kunsill għandu jiressaq it-talba għall-Interim Audit lill-Ministru resposabli mill-Kunsilli Lokali. Huwa qal li diġa saret ittra lill-Prim Ministru thro' l-Onor. Chris Said. — Management Letter

ii Is-Sindku nforma li baqa' xi kontijiet oħra li jridu jiġu settled ma l-Perit C. Mintoff. — Kont tal-Perit

iii Dwar is-Salarju ta' l-ex Segretarju Eżekuttiv, s-Sindku nforma li saret laqgħa ma l-Avukat u ntbgħatet ittra uffiċjali kemm dwar is-salarju kif ukoll dwar il-każ kollu in ġenerali — Salaraju Ex Seg. Eżek.

iv L-iskeda ta' pagamenti ġiet approvata unanimament mill-Kunsill. — Skeda ta' Pagamenti

v Il-Kunsill approva xiri tal-Payroll mingħand it-Technosoft għall-pezz ta' €846.06. Ġie approvat ukoll xi extras biex dan ikun customised għall-Kunsill. — Xiri ta' payroll

vi Is-Sindku qara l-ittra tas-Sur D. Mizzi dwar xogħlijiet fi Ġnien Ovindoli. Huwa qal li dawn qed jikkontestaw li l-invoices ma kienux VAT inc. u qed jitolbu li l-Kunsill iħallas il-bilanċ dovut. Huwa qal li se jiġi vverifikat x'hemm eżatt fil-kuntratt għax skond il-Liġi kull offerta trid tkun Vat inclusive. — Ġnien Ovindoli

Vii Il-Kunsill approva unanimament il-Ftehim ta' Aċċettazzjoni tal-Fond ta' Ko-finanzjament dwar il-proġett ERDF 2123 — ERDF 213

viii Ġie ppreżentat ir-rapport finanzjarju Jannar – Marzu 2011. Dan ġie approvat mill-Kunsill — Rapport Finanzjarju

ix Is-Sindku qara lista ta' diversi servizzi u bżonnijiet li l-Kunsill irid jagħmel sejħa għall-offerta għalihom. Dawn ġew approvati mill-Kunsill. — Sejħa għall-offerti

Kav. Pawlu Farrugia KLJ CMLJ
Sindku

Marisa Pisani
A/Seg. Eżek.

x Is-Sindku nforma li l-van tal-Kunsill għandu ħsarat kbar. Huwa ppropona li sakemm toħroġ tender għax-xiri jew kiri l-Kunsill jikri van temporanjament biex ma jieqfux ix-xogħlijiet. Il-Kunsill qabel ma dan u ġie deċiż ukoll li jekk hu possibli l-van jinbiegħ. Van tax-xogħol

**Is-Sinjura C. Lanzon ġiet skużata milli tkompli tattendi s-seduta fis-7.30 pm**

## IV Rapport dwar il-Ħidma tal-Kunsillieri

### i Rapport mill-Viċi Sindku F. Agius

i.i Il-Viċi Sindku nforma li fl-l ta' Awissu 2011 se ssir laqgħa għall-għaqdiet kollha dwar l-attivita' "EPOKA" li ser issir c'Ottubru li ġej. Is-Sindku qal li hu kiteb lill-Onor. C. Said biex jiżdied n-numru ta' l-Għaqdiet li se jipparteċipaw kif ukoll l-area.

i.ii Huwa nforma wkoll li l-applikajna għall-basic courses kollha għall-adulti u se ssir drive biex jitkomplew il-korsijiet ta' l-Ingliż u l-Malti. Dwar il-kors ta' l-egov huwa qal li l-kunsill se jipparteċipa u se tinkiseb aktar informazzjoni dwar dan.

### ii Rapport mill-Kunsillier K. Darmanin

ii.i Il-Kunsillier K. Darmanin ta' rendikont tal-laqgħat tan-n'Hood Watch li saru għall-Areas 18 u 19. Huwa nforma wkoll li l-laqgħa tal-Ext. Area 19 Triq Santu Wistin – se ssir fit-22 ta' Awissu 2011 u ta' l-Area 20 - Toroq l-Imqades tal-Qedem, Xandru Farrugia, u Mons G. Schembri – se ssir fid-29 ta' Awissu 2011.

ii.ii Il-Kunsillier K. Darmanin nforma li se ssir applikazzjoni għall-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ 2011/2012.

Kav. Pawlu Farrugia KLJ CMLJ
Sindku

Marisa Pisani
A/Seg. Eżek.

**iii Rapport mill-Kunsilliera D. Vella**

iii.i Il-Kunsilliera D. Vella tat rendikont dwar il-ħarġa f'Għawdex.

**iv Rapport mis-Sindku P. Farrugia**

iv.i Is-Sindku nforma li nkariga lill-Kunsillier Ishmael Dalli jattendi laqgħa dwar is-Safety fil-playing fields. Ġie moqri rapport li l-Kunsillier għamel dwar din il-materja.

iv.ii Is-Sindku ta' rendikont tal-ħarġa li saret fir-Rainbows Club. Huwa rrapporta wkoll dwar l-attivita' li saret għan-nanniet li kienet tinkludi Quddiesa u bibita.

iv.iii Is-Sindku rrapporta dwar il-laqgħa tat-Tendering Committee li qed jaġġudika l-offerti tal-Project Co-Ordinator tal-proġett ERDF 213.

iv.iv Dwar l-udating tal-fixed Assets Register il-Kunsill ġie nfurmat li x-xogħol inbeda' pero' s'issa ma nstabgħux il-print outs jew soft copies tal-Accounts (Sage) tal-Kunsill ta' qabel is-sena 2007. is-Sindku nforma li se tinkiteb ittra legali lill-ex Segretarju Eżekuttiv kemm dwar dan kif ukoll dwar materji oħra li minħabba fihom l-operat tal-Kunsill qed jiġi mfixkel.

iv.v Is-Sindku rrefera għal-fondi li l-Kunsil;l ingħata biex jiġu minfuqa fuq il-librerija. Huwa qal li dawn se jintefqu fuq xkaffar peress li hemm bżonn ta' iktar spazzju għall-istivar ta' kotba ġodda.

iv.vi Is-Sindku nforma li d-dawl tal-Uffiċċju tal-Kunsill qed jinqata' ta spiss minħabba overloading. Huwa qal li hemm bżonn li s-sistema tinqaleb immedjatament minn single phase għall- 3 phase. Il-Kunsill approva l-pagament ta' €900 biex issir applikazzjoni lill-ARMS biex tinbeda' l-proċedura.

Kav. Pawlu Farrugia KLJ CMLJ
Sindku

Marisa Pisani
A/Seg. Eżek.

iv.vii Is-Sindku ta' rapport ta' xi ħidmiet li saru mill-Kumitat tar-Reġjun.

Huwa qal li s-sistema tal-LES se tibda' titħaddan mir-Reġjun mill-1 ta' Settembru 2011. Huwa qal li s-servizz tal-Gwardjani Lokali se jinkorpora fih ukoll l-ambjent permezz ta' Eco Warden.

Is-Sindku nforma li d-dawl kollu tat-toroq ukoll se jaqa' taħt ir-responsabbilta' tar-Reġjun.

Huwa rrefera wkoll għall-Avviż Legali Numru 119 dwar il-permessi u qal li dan se jiġi emendat.

Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll bl-Iskema tal-Gvern għall-attivitajiet Kulturali.

Is-Sindku tkellem dwar is-servizz il-ġdid tal-Karozzi tal-Linja. Huwa qal li qed tinżamm lista ta' l-ilmenti li qed jagħmlu r-resienti dwar dan is-servizz. Is-Sindku nforma li ġew refreshed il-marki tat-traffiku u anke qed isir monitoring mill-Gwardjani Lokali peress li l-karozza tal-linja qed issib problemi fi Triq Xintill minħabba ipparkjar ħazin quddiem ħanut li hemm f'din iż-żona.

**Il-Laqgħa ntemmet fit-8.30 pm u sar aġġornament għall-nhar l-Erbgħa 31 ta' Awissu 2011.**

Kav. Pawlu Farrugia KLJ CMLJ
Sindku

Marisa Pisani
A/Seg. Eżek

xix Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li sussegwentament saret laqgħa mal-UĦM dwar dan, fejn ġie spjegat lilhom id-diversi nuqqasijiet serji u l-atteġjament ta' l-iskrivana inkwestjoni. Laqgħa UĦM

xx Il-Kunsill iddiskuta din il-materja. Ġew irrappurtati diversi nuqqasijiet oħra li anke affetwaw ħażin ir-responsabbiltajiet tal-Kunsillieri. Kien hemm qbil unanimu li din is-sitwazzjoni ilha għaddejja għal diversi snin u mhix aktar aċċettabli. Għaldaqstant id-deċizzjoni kienet unanima li l-impjieg tagħha għandu jiġi terminat. Terminazzjoni ta' Impjieg

Kav. Pawlu Farrugia KLJ CMLJ
Sindku

Marisa Pisani
A/Seg. Eżek.